MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Awwissu, 2013

Numru 841/2013

**ILLUM 29 ta' Awwissu 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)
(Spettur Robert Vella)
vs
Clayton Spiteri
Dario Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati Clayton Spiteri ta' karta ta' identita' numru 420486M u Dario Camilleri ta' karta ta' l-identita numru 564185M

Akkuzati talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'resoluzzjoni wahda u cioe:

1. Fit-23 ta' Awwissu 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data kkommettew serq ta' diversi prodotti minn gewwa Lidl Supermarket sitwat gewwa Santa Venera ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess stabbiliment u/jew ta' entita jew entitajiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna u bil-valur ta' iktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94 Euro) izda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u segbgha u tletin centezmu (2329.37 Euro)
2. Fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li tkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet l-imputati jirregistraw ammissjoni, f'liema baqghu jinsistu anke wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw;

Stante din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati, fil-konfront tal-imputazzjoni ta' serq tiddikjarahom u ssibhom hatja ta' din l-imputazzjoni;

Rat l-Artikolu 261(c)(d), 267, 268(d), 279(a), 280(1) tal-Kap 9;

Tiddeciedi li tpoggi lill-imputati taht sorveljanza ta' ufficjal tal-Probation ghal perjodu ta' sentejn millum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446. Tapplika kontra taghhom l-Artikolu 24 tac-citat Kap 446 u tikkundannahom kull wiehed minhom li sa zmien sena millum ihallsu lil Lidl Malta is-somma ta' 1500 Euro (individwalment u separatament).

Tilliberahom mit-tieni akkuza li hi in alternattiva ghall-ewwel.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------